ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2016

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _________

| Il-Marki | |
|---|---|
| Il-Fehim mill-Qari | Il-Kitba |
| ________ 30 marka | ________ 30 marka |

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek, kunjomok u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, aqra u ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli barra xejn.

IL-FEHIM MILL-QARI

A. Aqra dan ir-riklam:

# TA' DILA U SAWRU

Trid tieħu ħsieb saħħtek bis-serjetà?

Tixtieq tixtri ħaxix u frott frisk bl-irħas prezzijiet fis-suq?

Mela ħaġa waħda għandek tagħmel:

Mur għand Ta' Dila u Sawru

li ssibhom fuq l-ewwel mejda

fid-daħla tal-bosk iċ-ċkejken.



Huma jarmaw ibigħu kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

mit-8:30 ta' filgħodu sas-2:00 ta' waranofsinhar.

Ma' kull xirja li tonfoq 'il fuq minn €10, tingħata faxx basal b'xejn.

U issa qed joffru servizz speċjali li jwasslulek ix-xirja d-dar.

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq ir-riklam li qrajt.**

**1.** Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**: (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Dila u Sawru jarmaw il-mejda tal-bejgħ kuljum. | ___________ |
| **b.** | Jekk tonfoq aktar minn €10 jagħtuk faxx basal b'xejn. | ___________ |
| **ċ.** | Dila u Sawru jeħdulek ix-xirjiet id-dar. | ___________ |

**2.** Imla l-vojt billi ddaħħal **kelma waħda**. (4 marki)

a. Dan huwa riklam fuq il-bejgħ ta' _______________ u frott.

b. Il-mejda li jarmaw Dila u Sawru qiegħda fil-bidu ta' _______________________ żgħir.

ċ. Nhar ta' ________________________ Dila u Sawru ma jaħdmux.

d. Dan ir-riklam hu maħsub għal min irid jieħu ħsieb ________________________ u jiekol sew.

**3.** Kieku kellek tmur tixtri mingħand Dila u Sawru, semmi x'ħaxix u frott kont tixtri u għid għaliex kont tagħżel dawn?



___________________________________________________

___________________________________________________

___________________________________________________

___________________________________________________

___________________________________________________

___________________________________________(3 marki)

## B. Aqra l-istorja **Doru u ċ-Ċurkett tad-Deheb**



"Doru, fittex qum minn hemm. Sarlek il-ħin biex tmur għand iz-zija Dinda!" qaltlu oħtu Dima waqt li fetħet il-purtiera tat-tieqa beraħ. Doru kien dinosawru żagħżugħ li jgħix fil-villaġġ Sawrini. Ta' spiss kien jgħin liz-zija Dinda tbigħ il-frott fuq il-monti biex idabbru sold. "Tinsiex tieħu l-qoffa miegħek, Doru," reġgħet qaltlu Dima qabel ma ħarġet. **(paragrafu 1)**



Ir-raġġi qawwija tax-xemx li daħlu mit-tieqa komplew iqajmu lil Doru mir-raqda fonda tiegħu. Donnhom huma wkoll riedu jħabbrulu li l-ħin kien daħal ġmielu u li zitu kienet qed tistennieh fuq ix-xwiek. Doru ħasel snienu bl-ixkupilja u baħbaħ wiċċu bl-ilma frisk biex jiġi f'tiegħu. Ġabar il-qoffa u sellem lil ommu li kienet qed issajjar fil-kċina. **(paragrafu 2)**

Telaq iħaffef lejn id-dar ta' zitu biex jistiva l-frott fil-qoffa qabel imorru l-monti flimkien. Fi triqtu lemaħ dinosawru miexi quddiemu. "X'inhu liebes pulit dan is-Sinjur! Trid seba' għajnejn biex tarah!" stagħġeb f'qalbu Doru. Fil-pront lemaħ xi ħaġa tleqq taqa' fl-art. **(paragrafu 3)**

"Dan ċurkett tad-deheb! Min jaf kemm jiswa flus! Naqla' kemxa ġmielha jekk inbigħu!" ħaseb Doru mill-ewwel.

"Imma stenna ftit ħej. Dan iċ-ċurkett mhux tiegħi imma tas-Sinjur li kien miexi quddiemi. Jeħtieġ nagħtihulu lura," irraġuna wara ftit id-dinosawru żagħżugħ bejnu u bejn ruħu.

"Sinjur! Sinjur!" għajjat Doru waqt li beda jiġri b'kemm kellu saħħa. Id-dinosawru l-ieħor waqaf ħesrem.

"X'għandek bżonn?" staqsieh mimli kurżità. **(paragrafu 4)**



"Sinjur," wieġbu Doru b'nifsu maqtugħ, "kont miexi quddiemi u waqagħlek dan iċ-ċurkett."

"Iva, dak tiegħi! Lanqas indunajt li tliftu. Dan iċ-ċurkett nilbsu kull fejn immur. Kien tahuli n-nannu u qalli biex inżommu dejjem fuqi. Grazzi!"

"Tassew jidher speċjali!" qallu Doru.

"Ħu dawn il-flus bħala rigal ċkejken mingħandi. Inti stajt iżżomm iċ-ċurkett għalik imma kont onest u tajthuli lura," qallu s-Sinjur.

Doru ħassu ferħan se jtir! Barra li ħa deċiżjoni xierqa, qatt ma kien qala' daqshekk flus f'jum wieħed. **(paragrafu 5)**

***

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb pulit u tajjeb.**

**Jingħataw 3 marki żejda għal kitba tajba bla żbalji.**

**1.** Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba. (3 marki)

**a.** Iz-zija Dinda kienet tbigħ il-(ħaxix / frott / fjuri).

**b.** Dakinhar tal-istorja Doru baqa' (ġewwa / jilgħab / rieqed).

**ċ.** (Ommu / Dima / Iz-zija Dinda) sejħet lil Doru biex iqum.

**2.** Poġġi dawn is-sentenzi fl-ordni li ġraw wara xulxin billi tikteb in-numri fil-kaxxi.

L-ewwel waħda hija lesta. (3 marki)

| | |
|---|---|
| Sab ċurkett mal-art. | |
| Ħasel snienu bl-ixkupilja tas-snien. | |
| Doru qam mis-sodda. | **1** |
| Qala' rigal mingħand is-Sinjur. | |

**3.** Imla l-vojt bil-kelma t-tajba li toqgħod skont is-silta. (3 marki)

a. Doru ħa ____________________ miegħu għand iz-zija.

b. Fit-triq iltaqa' ma' ______________________________.

ċ. L-ilbies tas-Sinjur kien _________________________.

**4.** X'ġieh f'moħħu li jagħmel Doru hekk kif ra ċ-ċurkett?

____________________________________________________________(2 marki)

**5.** Għaliex iċ-ċurkett kien speċjali għal dak is-Sinjur?

____________________________________________________________(2marki)

**6.** Xi tfisser **kemxa ġmielha** fis-sentenza f'paragrafu 4: "Naqla' kemxa ġmielha jekk inbigħu"?

____________________________________________________________(2 marki)

**7.** Kieku kont flok Doru, kont tagħtihulu ċ-ċurkett lis-Sinjur? Għaliex?

_______________________________________________________________________

____________________________________________________________(2 marki)

| |
|---|
| **Marki għal tweġibiet mingħajr żbalji fil-kitba: ____________ minn 3 marki** |

IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA U L-ORTOGRAFIJA (10 marki)

**1. Aqra dawn is-sentenzi u wara wieġeb il-mistoqsijiet. L-ewwel waħda lesta.**

Fil-vaganzi tas-sajf jien u l-familja tiegħi nħobbu mmorru ngħumu. F'Malta u Għawdex għandna ħafna bajjiet sbieħ u dawn ikunu mimlijin nies. Xi drabi niddejjaq għax ma nkunx nista' ngħum minħabba li l-baħar ikun imċaqlaq, maħmuġ jew mimli bram.

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-femminil**. | familja |
| **b.** | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-plural**. | ________________ |
| **ċ.** | Mis-sentenzi sib u ikteb **aġġettiv fil-plural**. | ________________ |
| **d.** | Mis-sentenzi sib u ikteb **verb**. | ________________ |
| **e.** | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom bl-artiklu**. | ________________ |

**2. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Jien għandi ______________ ħutiet tal-ilma ħelu. | erbgħa / erba' |
| **b.** | Jason għandu ħafna ______________. | ħbieb / ħbiep |
| **ċ.** | Mort ______________ kotba fil-librerija. | għal / għall- |

**3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Daħħal **l-artiklu** fil-vojt. | Dan ________-sajf se mmorru Londra. |
| **b.** | Ikteb **il-passat** tal-verb "daħal". | Ilbieraħ jien ______________ norqod kmieni. |
| **ċ** | Ikteb **is-sinjal tal-punteġġjatura** li jonqos fil-vojt. | "Inti tħobbu l-baħar______" staqsa Mark. |

## B. IL-KITBA TA' MESSAĠĠ (3 marki)

**Mort l-iskola bl-għaġla u nsejt tiegħu l-*pocket* miegħek. Ikteb messaġġ qasir biex xi ħadd li jiġi minnek jew jieħu ħsiebek ikun jaf fejn ħallejtu u jiġi l-iskola jagħtih lill-purtinar.**





Ċ. IL-KITBA TA' STORJA

**Agħżel WAĦDA minn dawn l-istejjer u ikteb bejn 70 u 100 kelma fuqha.**

| | |
|---|---|
|  | **1. Meta sibna teżor kbir**<br><br>Ikteb storja fuq meta sibtu teżor kbir.<br><br>*Min kontu? Fejn kontu? Kif sibtuh? X'kien fih? Ta' min kien? X'għamiltu wara?* |

**JEW**

| | |
|---|---|
|  | **2. Storja li għoġbitni ħafna**<br><br>Irrakkonta storja li qrajt, għoġbitek ħafna u tibqa' tiftakarha.<br><br>*X'kien jisimha l-istorja? Fuqhiex kienet? X'ġara fl-istorja? Kif spiċċat? Għaliex għoġbitek?* |

Ċ.i. Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt. (2 marki)

Storja __________ (Ikteb 1 *jew* 2)

**Ċ.ii. Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt.** **(15-il marka)**

**L-istorja għandha tkun bejn 70 u 100 kelma. Ikteb sabiħ u tajjeb.**

**- Tmiem il-Karta –**